MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 205/1999/1

**A.F. Ellis Limited**

**vs**

**Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Ġustizzja
u Gvern Lokali, u b'digriet tal-21 ta' Frar 2014,
in-nomenklatura nbidlet għal Segretarju Parlamentari
għall-Kompetittivita u Tkabbir Ekonomiku peress li
n-nomenklatura Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Ġustizzja
u Gvern Lokali ma għadux jeżisti**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet:

Illi s-soċjeta' attriċi ngħatat kuntratt ta' appalt mill-konvenut għall-fornitura u tqegħid ta' xogħol ta' rħam u madum tal-mużajk fid-"Dar ta' Katalunja" fi Triq Marsamxett, Valletta, ġja' sede tal-ministeru konvenut;

Illi x-xogħolijiet kuntrattati twettqu kolha sas-sajf tal-1996 u l-konvenut iddawwar biex jeffetwa l-pagamenti relattivi;

Illi inoltre nqalgħu xi diverġenzi fil-konteġġi, liema diverġenzi ġew riżolti f'Diċembru 1998;

Illi l-bilanċ li kien għad hemm dovut għal ħlas skond kfi irriżulta miċ-ċertifikazzjonijiet kollha tal-arkitett tal-konvenut, il-perit Alex Torpiano kienet ta' elf mitejn u seba' u tmenin lira u 72 ċenteżmu, (Lm1,287.72ċ) u it-Taxxa fuq il-Valur miżjud ta' mija u tlieta u disgħin lira u 15-il ċenteżmu (Lm193.15ċ) kif jidher fuq l-anness dokument immarkta Dok. "B" fil-waqt illi miċ-ċertifikazzjonijiet preċedenti ta' l-istess perit, kien għad hemm dovuta s-somma ta' erba' mija u sitta u sittin lira u ċenteżmu (Lm466.01ċ) kif jidher fuq l-anness dokument immarkat Dok. "C", b'kollox is-somma ta' elf disa' mija u sitta u erbgħin lira u 88 ċenteżmu (Lm 1946.88ċ);

Illi min din is-somma tħallset unilateralment biss is-somma t' elf erba mija u sitta u sittin lira (Lm1,466) kfi jidher fuq l-anness dokumet immarkat Dok. "D" u għaldaqstant, għad hemm bilanċ dovut lis-soċjeta' attriċi ta' erba' mija u tmienja u tmenin lira u 88 ċenteżmu (Lm480.88ċ);

Illi oltre mis-somma hekk dovuta, għad hemm dovuti l-imgħaxijiet legali illi għaddew fuq il-bilanċi dovuti mill-10 ta' Diċembru 1996 'l quddiem,

liema imgħaxijiet b'kollox ammontaw għas-somma ta' seba' mija u erbgħa u sebgħin lira u 12-il ċenteżmu (Lm774.12ċ) sal-10 ta' Ottubru 1999;

Illi s-somma għaldaqstant dovuta lis-soċjeta' attriċi hija ta' elf mitejn u ħamsa u ħamsin lira (Lm1,255) kif jirriżulta mill-anness reżokont immarkat Dok. "E";

Illi l-ammont fuq imsemmi ta' elf mitejnn u ħamsa u ħamsin lira (Lm1,255) huwa ċert, likwidu u dovut u l-istanti nomine ħalef dan b'affidavit hawn anness u mmarkat Dok. "A" kfi ukoll ħalef li fil-fehma tiegħu l-konvenut ma għandu l-ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talbiet tas-soċjeta' attriċi;

Illi l-konvenut ġie interpellat inutilment bosta drabi biex iħallas l-imsemmi ammont dovut.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Tipproċedi għas-sentenza mingħajr is-smigħ tal-kawża odjerna u dana skont l-Artikoli 167-170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf mitejn u ħamsa u ħamsin lira (Lm1,255) rappreżentanti bilanċ minn somma ikbar dovuta mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi kif ukoll l-imgħaxijiet legali dekorsi fuq tali bilanċ imsemmi.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċċjali tal-10 ta' Diċembru 1996, tas-16 ta' Ġunju 1999 u tad-29 ta' Settembru 1999.

Bl-imgħax legali ulterjuri mill-10 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-ħlas effettiv u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mħarrek.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tas-soċjeta' attriċi, konfermata bil-ġurament ta' Dr. Joseph Ellis.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi din il-kawża jmissha ġiet istitwita quddiem il-Qrati ta' Malta stante li l-Ministeru tal-Ġustizzja mhuwiex legalment rappreżentat fil-gżira ta' Għawdex;

2. Subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, illi l-ammont ta' elf mitejn u ħamsa u ħamsin lira (Lm1,255) – kompost mill-ammonti ta' erba' mija u tmenin lira u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm480.88ċ) sorte u seba' mija u erbgħa u sebgħin lira (Lm744) interessi rispettivament – li qed jintalab mis-soċjeta' attriċi mhuwiex dovut, u dan għar-raġunijiet segwenti:

3. Illi fl-ewwel lok, ebda interessi m'huma dovuti lill-kumpanija attriċi stante illi l-partijiet qatt ma ffissaw terminu definit li fih kellu jsir il-ħlas, u għalhekk l-interessi qatt ma setgħu jibdew jiddekorru. Fil-fatt, skont il-*General Conditions of Contract for the Execution of Works in Malta,* li japplikaw f'kull kuntratt fejn ikun qed isir xogħol għall-Gvern, l-eċċipjenti intrabat li jeffettwa l-ħlas għax-xogħol tal-kumpanija attriċi skont kfi hemm stipulat fil-klawsola 20 u ċioe' illi "Payment will be made by the Treasury ... within a reasonable time after dure completion of the works ... ". Fiċ-ċirkostanzi, l-kumpanija attriċi ma jista' jkollha ebda ġustifikazzjoni għal biex titlob il-ħlas ta' l-interessi;

4. Illi fit-tieni lok, apparti l-interessi, l-kumplament tas-somma mitluba mill-kumpanija attriċi, u ċioe' Lm480.88ċ, tirrigwarda l-ammont ta' elf mitejn u sebgħa u tmenin lira u tnejn u sebgħin ċenteżmu (Lm1,287.72ċ) li kien qed jiġi preċedentement mitlub mis-soċjeta' attriċi bħala ħlas allegatament pendenti fuq ix-xogħol imwettaq minnha. Dan l-ammont ma jistax jiġi mħallas mill-eċċipjent għal diversi raġunijiet, li huma:

   a) L-ammont ta' Lm480.88ċ ma setax jiġi verifikat u ċċertifikat mill-konsulent Torpiano tort ta' l-istess soċjeta' attriċi li damet ma ssottomettiet il-kejl (bill of quantities) tagħha. Fin-nuqqas ta' ċertifikat min-naħa tal-konsultent, ma kienx possibbli għall-eċċipjent li joħroġ lill-kumpanija attriċi l-ħlas li xtaqet;

b) Il-bill of quantities tas-soċjeta' attriċ ma fih ebda indikazzjonijiet ta' kif twettaq, u fil-fatt m'hu kejl xejn iżda huwa biss kompost minn ċifri. Fin-nuqqas tal-qisien u kalkolzzjonijiet appożiti, l-konsulent Dr. Torpiano ma setax iqabbel iċ-ċifri attriċi maċ-ċifri tiegħu u jara fejn eżattament qegħdin id-diskrepanzi;

c) Id-dokumenti li bagħtet is-soċjeta' attriċi lill-eċċipjent, u li suppost jindikaw l-ispejjeż dovuti lilha, mhumiex invoices iżda huma biss statements of balance; għaldaqstant, dawn ma jagħtux stampa akkurata ta' kemm saru spejjeż mill-kumpanija attriċi fit-twettiq tax-xoghol in kwistjoni;

5. Illi s-soċjeta' attriċi qed tippretendi li s-somma ta' Lm480.88ċ hija l-kumplament tas-somma ta' Lm1,287.72ċ – piu l-V.A.T. fuqha li jammonta għal mija u tlieta u disgħin lira u ħmistax-il ċenteżmu Lm193.15ċ) – wara li jitnaqqas l-ammont t'a elf erba'mija u stita u sittin lira (Lm1466.00) imħallas mill-eċċipjent. Din il-pretensjoni hi għal kollox falza, peress illi – kif l-istess attur jaf ben tajjeb – is-somma ta' Lm1466 ma għandha x'taqsam ma' ebda kont ta' l-attur. Minn din is-somma, ammont ta' elf lira (Lm1000) ġie imħallas mill-eċċipjent bħala kompromess bejn l-attur u l-istess eċċipjent, u huwa finali;

6. Kuntrarjametn għal dak li qed jallega l-attur, id-Dokument 'B' esebit mill-istess attur juri biss li somma ta' Lm 1000 ġiet approvata bħala 'setttlement' mill-Justice Division ta' L-Uffiċċju tal-Prim Ministru (ġia' Ministeru tal-Ġustizzja) skont ftehim bejn Is-Segretarju Permanenti ta' allura d-Direttur tal-Corporate Services is-Sur Alfred Demicoli u l-konsulent il-perit A. Torpiano.

7. Illi jidher ċar li dan il-kompromess ġie aċċettat mill-attur. Tant hu hekk illi huwa sarraf iċ-ċekk mingħajr ma għamel ebda annotament fuqu li bih jirriseva d-dritt għal aktar ħlas. Kien biss sussegwentement li l-attur żlejalemnt irrespinġa l-kompromess billi talab għal aktar flus;

8. Illi għaldaqstant huwa ċar li ebda parti mis-somma mitluba ma hija dovuta lill-kumpanija attriċi u li ż-żewġ talbiet attriċi għandhom jiġu respinti.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut maħlufa minn Joseph Tabone.

Rat is-sentenza tagħha tat-8 ta' Ġunju 2001 dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Ġunju 2003 li kkonfermat din is-sentenza.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Jannar 2004 fejn innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi bħala perit tekniku f'din il-kawża.

Rat ir-relazzjoni tal-istess perit tekniku, ppresentata fis-16 ta' Novembru 2012 u minnu maħlufa fit-12 ta' April 2013.

Rat id-domandi in eskussjoni tal-perit tekniku li saru mill-konvenut.

Rat ir-risposti tal-A.I.C. Mizzi għal dawn id-domandi, ppresentati fis-26 ta' Ġunju 2013 u minnu maħlufa fid-29 ta' Lulju 2013.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Ottubru 2014 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-konvenut.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensur tas-soċjeta' attriċi.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed titlob li titħallas dak li tippretendi li hu l-bilanċ minn somma akbar dovuta għal appalt ta' fornitura u tqegħid ta' rħam u madum fid-Dar ta' Katalunja, il-Belt, ġia sede tal-Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali. Il-konvenut qed jikkontesta t-talba għal diversi raġunijiet, kif indikat fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu. L-eċċezzjoni preliminari tal-*privilegium fori* ġiet sorvolata bis-sentenzi hawn fuq indikati. Huwa opportun illi f'dan l-istadju tiġi ttrattata r-raba eċċezzjoni tal-konvenut, għaliex jekk tintlaqa' din l-eċċezzjoni jkun inutili li wieħed jidħol f'diskussjoni dwar il-konteġġi li jiffurmaw il-mertu tal-eċċezzjonijiet l-oħra. B'din l-eċċezzjoni tiegħu l-konvenut jikkontendi li:

"Kuntrarjament għal dak li qed jallega l-attur, id-dokument 'B' esebit mill-istess attur juri biss li somma ta' Lm1000 ġiet approvata bħala 'settlement' mill-Justice Division ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru (ġia' Ministeru tal-Ġustizzja) skont ftehim bejn id-Direttur tal-Corporate Services is-sur Alfred Demicoli u l-konsulent il-perit A. Torpiano. Illi jidher ċar li dan il-kompromess ġie aċċettat mill-attur. Tant hu hekk illi huwa sarraf iċ-ċekk mingħajr ma għamel ebda annotament fuqu li bih jirriserva d-dritt għal aktar ħlas. Kien biss sussegwentement li l-attur żlejalment irrespinġa l-kompromess billi talab għal aktar flus."

Fi ftit kliem il-konvenut qed jgħid li l-pagament li sar permezz ta' cheque anness mad-'Dok. D' ppresentat flimkien maċ-ċitazzjoni[1] kien wieħed *in full and final settlement* jew għas-saldu, u għalhekk is-soċjeta' attriċi ma kellha ebda dritt tippretendi ħlasijiet ulterjuri. Il-qrati tagħna kellhom diversi okkazzjonijiet jikkumentaw dwar ħlasijiet ta' dan it-tip. Infatti ġie deċiż:

*"Illi kif inhuwa ben risaput taħt il-liġi tagħna, pagament a saldu jestingwi kwalsiasi pretensjoni oħra kontra l-persuna li qed tagħmel il-ħlas.*

[1] A fol.9 tal-process

*Illi kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell diversi drabi: 'il-pagament ma ġiex offert b'riserva favur l-appellant li għalhekk, jekk kellu pretensjoni oħra oltre dak li kien qed jiġi offert lilu ma kellux isarraf iċ-cheque li bagħtlu l-konvenut nomine.'*

*Illi din il-posizzjoni hija ben assodata fil-ġurisprudenza nostrana għaliex kif ġie kostantement ritenut: 'Din il-posizzjoni ġiet ikkunsidrata diversi drabi mill-Qrati tagħna u l-ġurisprudenza preponderanti f'kwistjonijiet simili hija illi jekk il-kreditur jaċċetta pagament mibgħut lilu għas-saldu ikun qiegħed jikkonferma illi b'dak il-pagament ikun inqatel id-dejn u ma jistax jippretendi huwa li jkun baqagħlu kreditu għall-bilanċ.' (Francis Penza v. John Mallia – Qorti ta' l-Appell Superjuri – 06.05.91; Raymond Bonnici noe. V. Horace Tonna' – Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' April 1992; St. George's Park Company Limited v. Eric Pace Bonello noe – 12.01.01).*[2]

Ingħad ukoll illi jekk il-flus jiġu inkassati mingħajr ma ssir kontestazzjoni ta' dak l-ammont, ifisser għalhekk li hemm qbil fuq l-ammont offrut:

*"Dwar l-import eżatt ta' kliem akkompanjanti ħlas jew ħlasijiet li naħa (il-pagant) tkun qed tgħid espiċitament u espressament li l-ħlas qed isir 'per saldu' filwaqt li tinkassa l-flus, twieġeb li dan qiegħda tagħmlu jew għamlitu bla preġudizzju tal-ammont bilanċjali, din il-Qorti tagħmel riferenza għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-każ deċiż fil-15 ta' Marzu 2002, fl-ismijiet "St.George's Park Company Limited vs Eric Pace Bonello nomine". F'din id-deċiżjoni, il-Qorti, fuq l-iskorta wkoll tad-deċiżjoni mogħtija fil-kawża fl-ismijiet "Raymond Bonnici noe vs Horace Tonna", P.A. deċiż fl-24 ta' April 1992, u deċiżjonijiet oħrajn fiha ċitati, in tema legali, irriteniet li fejn iċ-cirkostanzi huma tali li kull parti taf x'qiegħed iseħħ, meta d-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u ndubitabbli li qed joffri pagament għas-saldu tal-pretensjonijet kollha tal-kreditur, m'għandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaqbad minflok jaċettah b'kondizzjonijiet u b'riservi li intrinsikament u neċessarjament huma nkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu (hekk ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet "W. Apap vs J. Gasan noe" tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Novembru 1986).*

[2] Appell: Studio Moda Limited vs Creative Refurbishing Centre Ltd. et : 16.12.2013

*Huwa rrilevanti dak illi l-kumpanija attriċi kitbet fl-irċevuta illi bagħtet lura lill-kumpanija wara li aċċettat il-pagament, peress illi kull ma imponiet fl-irċevuta ma kellux l-adezjoni tal-konvenut u allura ma jikkostitwixxi ebda ftehim ulterjuri. Ir-rabta ġiet ikkompletata bejn il-partijiet meta l-konvenut bagħat il-pagament u kif huwa jippretendi li kien għas-saldu u l-kumpanija sarrfet dak iċ-cheque taħt il-kundizzjoni imposta mill-konvenut. Biex tista' treġġi l-pretensjoni tal-intimati illi huma għadhom intitolati li jitħallsu għall-bilanċ minnhom pretiż, huma jirrikjedu prova illi d-debitur, nonostante il-kundizzjoni li npona mal-pagament qabel illi jħalli miftuħa l-kwistjoni dwar il-bilanċ."* [3]

Il-perit tekniku nominat f'din il-kawża rrelata li s-soċjeta' attriċi kellha dritt għall-ħlas ta' bilanċ ta' mitejn seba' u tmenin lira u tnejn u sebgħin ċenteżmu (Lm287.72ċ) mill-ammont ċċertifikat mill-perit Topiano.[4]

Ma daħalx pero' fit-talba dwar l-imgħaxijiet, billi din kienet kwistjoni legali, kif lanqas ma rrefera għal din ir-raba eċċezzjoni, presumibilment billi din il-kwistjoni ukoll ma kienitx tal-kompetenza tiegħu.

Fil-każ in eżami nsibu illi ż-żewġ naħat kienu ilhom għadejjin fi trattattivi dwar il-konteġġi relatati ma' dan l-appalt, wara li kienu saru diversi pagamenti akkont.[5] F'xi żmien kien ġie inkarigat il-Professur Alex Topiano biex jivverifika l-kontijiet ppresentati mis-soċjeta' attriċi. Huwa kkonferma illi mill-kuntratt oriġinali kien għad baqa' bilanċ ta' Lm466 li kien għadu ma tħallasx.[6] Kien hemm ukoll kwistjoni fuq xi xogħol addizzjonali li ma kienx kopert bil-kuntratt oriġinali. Dan ġie ċertifikat mill-perit Torpiano li kien jiswa' Lm1287.72ċ.[7] Mill-korrispondenza skambjata bejn l-avukat dottor Joseph Ellis għas-soċjeta' attriċi u l-istess perit Topiano wara li saru dawn il-konteġġi, jirriżulta li l-perit Topiano kien ser jittenta jikkonvinċi lill-Ministeru biex jasal għal kompromess li jkun joqrob lejn din iċ-ċifra, u

[3] Prim'Awla: Eriksonn Limited vs Rook Constuction Ltd. : 27.06.2013
[4] Ara konkluzjoni tiegħu a fol.136 tal-process
[5] Ara korrispondenza annessa mac-ċitazzjoni, kif ukoll dik esbeiti quddiem il-perit tekniku.
[6] Dok.C a fol. 8 tal-process
[7] Ara Dok.B a fol. 7 tal-process

dan is-suġġeriment jidher li kien aċċettabbli għas-soċjeta' attriċi.[8] Infatti jidher li l-Ministeru wkoll aċċetta tali proposta, tant li ġie approvat il-ħlas ta' Lm1000 bħala "*lump sum approved for settlement*." [9] L-avukat Ellis jgħid li d-dokument B ġie a konjizzjoni tiegħu wara li kien ġia issarraf iċ-cheque għal dawn l-Lm1000 u l-Lm466 mill-kont oriġinali. Jikkontendi wkoll illi f'korrispondenza li ġiet skambjata mal-Ministeru meta huwa kien imsiefer l-Amerika, kien issuġġerixxa li jsiru dawn il-pagamenti akkont, biex jiġu ffrankati l-imgħaxijiet, mingħajr preġudizzju pero' għad-differenza li ma kienux qed jaqblu fuqha, u dana kif jirrizulta mill-ittra Dok. JE 9 datata t-18 ta' Diċembru 1998, esebita quddiem il-perit tekniku.

Madankollu meta s-soċjeta' attriċi rċeviet iċ-cheque għal Lm1466 bil-*covering letter* annessa tispeċifika li dan il-ħlas kien "*additional to final payment*", u bi spjegazzjoni fl-istess ittra li: l-Lm1000 kienu "*Lump sum approved for **settlement** by Justice Div (OPM) further to Consultant's Report*," u l-Lm466 bħala "*Extra amount to be **settled,** withheld from previous payments*," din xorta waħda għażlet li ssarraf dan iċ-cheque. Il-kliem użat mill-Ministeru f'din l-ittra huwa inekwivoku għall-aħħar u ma jħalli ebda dubbju dwar x'kienet l-intenzjoni tagħhom, u ċioe' li b'dan il-pagament il-pendenzi bejn il-kontendenti kellhom jinqatgħu. Infatti l-Universal Dictionary of the English Language jiddefinixxi l-verb "*to settle*" bħala li tfisser "*to bring, come to an agreement; agreement, settlement of disputes, etc*." [10] u dan komplewh ikkonfermaw sew Alfred Demicoli, Director Corporate Services, kif ukoll Godfrey Demarco, Permanent Secretary fil-Ministeru fl-ittri rispettivi li bagħtu lill-avukat Ellis,[11] wara li dan baqa' jippretendi ħlas tad-diffenenza,[12] anke wara li kien issarraf dan iċ-cheque. Imma kif rajna fil-ġurispudenza hawn fuq ċitata, ġialadarba kien evidenti mill-ittra annessa maċ-cheque li l-proposta tas-soċjeta' attriċi li l-ħlas ta' l-Lm1000 jkun akkont tal-pendenza fuq ix-xogħol addizzjonali ma ġietx aċċettata, u l-Ministeru kien qed jagħmel il-ħlas għas-saldu, iċ-cheque ma messu qatt ġie aċċettat u msarraf. Hekk ġie wkoll ribadit f'sitwazzjoni simili: "*Is-soċjeta' rikorrenti ma messiex aċċettat il-pagament u għaddiet biex issarraf iċ-ċekk*

[8] Ara e-mails esebiti bħala Dok.JE 10 mad-domumenti prodotti quddiem il-perit tekniku
[9] Ara Dok. B
[10] p.1097
[11] Ara Dokti.JE 14 u JE 15 esebti quddiem il-perit tekniku
[12] Ara Dok.JE 16 esebit quddiem il-perit tekniku wkoll

*mibgħut lilha mis-soċjeta' intimata. Il-pagament messu ġie ritornat lura lis-soċjeta' intimata."* [13]

Għalhekk billi s-soċjeta'attriċi kienet aċċettat pagament li sar għas-saldu tal-pretensjonijiet tagħha, ma kellha mbagħad ebda dritt tirreklama ħlasijiet ulterjuri li hija dehrilha li kienu għadhom pendenti.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi, filwaqt illi tilqa' r-raba eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż, apparti dawk ġia deċiżi mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Ġunju 2003, ikunu a karigu tas-soċjeta' attriċi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[13] Tribunal għal Tabliet Zgħar: Monpalao Trading Limited vs Nestle' Malta Limited: 30.09.2013